BANK ĊENTRALI TA' MALTA
EUROSISTEMA
CENTRAL BANK OF MALTA

# Direttiva 19

## Iċ-ċekkijiet personali u ċ-ċekkijiet bankarji

- Iċ-ċekkijiet għandhom ikunu **datati fil-jum li jinħarġu**;
- Ċekkijiet maħruġa **b'data futura** ser ikunu **onorati mill-bank fil-jum** li l-persuna msemmija fuq iċ-ċekk tippreżentah, i**rrispettivament mid-data futura**;
- Iċ-ċekkijiet kollha għandhom jinħarġu bħala ċekkijiet **'Only'**, li jfisser li **ċ-ċekkijiet ma jkunux trasferibbli lil nies oħra**, u jitħallsu biss lill-persuna kif indikat biss minn min ħareġ iċ-ċekk;
- Individwu li jirċievi ċekk huwa **obbligat li jiffirmah fuq wara** qabel ma jippreżentah il-bank;
- **Ċekkijiet ta' €20** jew **b'ammont inqas** ma jistgħux jinħarġu, u mhux ser jitħallsu mill-banek;
- **Iċ-ċekkijiet li jaqbżu l-€5,000** pagabbli lill-individwi għandhom jiġu **ddepożitati** ġo kont bankarju u ma jistgħux **jissarrfu fi flus kontanti**;
- L-użu taċ-ċekkijiet ser **jitwaqqaf** għal mill-inqas **sentejn** jekk individwu joħroġ **sitt ċekkijiet jew aktar** fi żmien **sena** li ma **jistgħux jitħallsu**;
- Iċ-ċekkijiet jibqgħu **validi** għal **sitt xhur**.